FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Jannar, 2002

**Numru 8**

**Avviz numru 1583/01JR**

**Dormax Press Company Limited**

**vs**

**Aluminium Extrusions Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm174.76), dovuta bhala bilanc minn somma akbar indikata fuq fattura datata 18 ta' Settembru, 2000, bir-riferenza C14036 (kopja annessa mal-avviz u mmarkata Dok."A"), u dan in konnessjoni ma' xogholijiet hemmhekk indikati, liema xogholijiet gew esegwiti fuq inkarigu tas-socjeta`**

**konvenuta. Prospett jinsab ukoll anness mal-avviz u mmarkat bhala Dokument “B”;**

**Bl-ispejjez tal-prezenti, ta’ l-ittra interpellatorja datata 16 ta’ Lulju, 2001, u ta’ l-ittra ufficjali datata 6 ta’ Novembru, 2001 u debitament notifikata (kopji annessi mal-avviz u mmarkati Dok.”C” u “D” rispettivament), u bl-imghaxijiet mit-18 ta’ Settembru, 2000 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta’ Michael Micallef, Managing Director tas-socjeta` attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta’ l-Att V ta’ l-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u erbgha u sebghin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm174.76) bl-imghax legali mit-18 ta’ Settembru, 2000 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 16 ta' Lulju, 2001, u ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru, 2001 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**